# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn it-28 ta' Novembru 2016**

**Kawza Numru : 18**
**Rikors Numru : 861/2006 JPG**

**John Zammit f'ismu proprju (ID 237648M) u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet Finrac Limited (C-6759) u Racfin Limited (C-23952) ghal kull interess li jista' jkollhom**

**vs**

**APMAZ Company Ltd u Sergio u Gloria konjugi Zampa ghal kull interess li jista' jkollhom u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2007 giet kjamata in kawza s-socjeta' Polidano Brothers Limited**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta' John Zammit pro et noe tal-25 ta' Settembru 2006, li jaqra hekk:

1. *"Illi l-atturi jokkupaw taht titolu ta' lokazzjoni minghand is-socjeta' JTMR Limited, il-fond maghruf bl-isem Granny's Restaurant, gewwa Triq il-Pijunieri, Bugibba, liema fond jifforma parti minn blokk bini bl-isem*

*'Moonglow House', gewwa l-imsemmija Triq il-Pijunieri, Bugibba, di proprjeta' tal-konvenuti jew min minnhom;*

2. *Illi l-atturi jezercitaw l-kummerc ta' restaurant mill-imsemmi fond, bhal ma ilhom jaghmlu ghal diversi snin;*

3. *Illi ghal habta tax-xahar ta' Ottubru 2003, il-konvenuti, jew min minnhom, direttament u/jew tramite terzi persuni minnhom inkarigati, bdew zvilupp fl-imsemmi blokk bini li minnu jifforma parti l-fond okkupat mill-atturi, u anke effettwaw xoghol ta' demolizzjoni u kostruzzjom fil-fond sovrastanti kif ukoll fil-fond adjacenti ghall-imsemmi restaurant;*

4. *Illi l-applikazzjoni relattiva ghall-izvilupp de quo saret minn Sergio Zampa personalment;*

5. *Illi bhala rizultat dirett ta' l-izvilupp fuq imsemmi, gew ikkawzati divesri hsarat fil-fond de quo, perikolu ingenti ghall-attur stess kif ukoll ghall-impjegati u klijenti tan-negozju tieghu, b'dan illi l-attur sab ruhu fl-impossibbilita' illi jkompli jiggestixxi n-negozju tieghu;*

6. *IlIi fil-fatt, is-sitwazzjoni li giet ikkreata bhala rizultat dirett ta' l-agir tal-konvenuti jew min minnhom, kienet tali illi rrendiet id-danni subiti mill- atturi inevitabbli, tant illi l-atturi effettivament gew kostretti illi jaghlqu l-imsemmi negozju fit-12 ta' Dicembru 2003, u dan sabiex jimminimizzaw kemm jista' jkun it-telf u d-danni minnhom sofferti;*

7. *Illi l-imsemmija xoghol ta' kostruzzjoni u demolizzjom intraprizi mill-konvenuti jew min minnhom setghu gew effettwati b'mod illi kienu jikkawzaw ferm anqas inkonvenjent lill-atturi, illi bhala rizultat dirett ta' l-izvilupp de quo soffrew u ghadhom qeghdin isofru danni u pregudizzju ingenti u inevitabbli;*

8. *IIli dan I-izvilupp ghalhekk ikkawza danni lill-atturi konsistenti inter alia fi hsara fl-istruttura tal-fond mikri lill-istess atturi, u sia wkoll fi hsarat f'diversi oggetti ta' l-ikel u effetti mobbli sitwati fl-istess fond, kif ukoll f'telf sostanzjali ta' qliegh immedjat rizultanti u naxxenti, inter alia, minn tnaqqis konsiderevoli*

*u konsegwenzjali ta' klijenti fil-perjodu bejn Ottubru 2003 u t-12 ta' Dicembru 2003, in vista ta' l-inkonvenjent, l-istorbju inordinate u n-nuqqas ta' igene necessarja f'post illi qieghed ioffri servuzzr konnessi ma' l-ikel u x-xorb, u anke fiz-zmien sussegwenti meta l-fond de quo kellu jinghalaq;*

9. *IIli effettivament il-Granny's Restaurant dam maghluq ghal hdax-il xahar minhabba x-xogholijiet intrapizi mitl-konvenuti jew min minnhom, bil-konsegwenza li l-atturi soffrew ukoll u ghadhom qeghdin isofru danni konsistenti f'telf totali ta' qligh, kif ukoll f'telf fil-valur ta' l-avvjament tan-negozju kif jista' wkoll jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

10. *Illi l-konvenuti, minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiex jaghmlu tajjeb ghal hsarat, danni u telf sofferti mill-atturi, billi joffru rimedju xieraq u adegwat, baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

11. *Illi dawn il-fatti naf bihom personalment;*

*Jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-*

1. *Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom effettwaw ix-xogholijiet fuq imsemmija b'mod u manjiera abbuziv u b'inkonvenjent inutili, serju u inevitabbli lill-atturi;*

2. *Tiddikjara l-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-hsarat, danni, u telf kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza diretta tax-xogholijiet effettwati mill-konvenuti iew min minnhom, kif fuq premess;*

3. *Tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

4. *Tikkundanna l-istess konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi dik is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittri Ufficjali ta' l-24 ta' Jannar 2005 u l-20 ta' Settembru 2005, u tal-Mandati Kawtelatorji prezentati ma' dan l-Att, kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-partijiet skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-konvenuti APMAZ Company Limited (C-468056) u Sergio u Gloria konjugi Zampa tal-31 ta' Jannar 2007 (a fol.27 et seq) li taqra hekk:

1. *"**Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bhala infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi mhuwiex minnu li l-konvenuti effetwaw ix-xoghlijiet imsemmija b'mod abuziv u b'inkonvenjent inutili kif qed jigi allegat mir-rikorrenti.***

   *1.1 Illi x-xoghlijiet saru wara li l-konvenuti ottjenew permess minn JTMR Limited, u cjoe s-sid tal-fond maghruf bhala Granny's Restaurant.*

   *1.2 Illi x-xoghlijiet kienu kollha koperti bil-permessi necessarji ta' l-Awtoritajiet, inkluz permessi ta' l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) u ghaldaqstant qatt ma jistghu jigu deskritti bhala abuzivi.*

   *1.3 Illi xhieda ta' dan huwa l-fatt illi l-konvenuti qatt ma kellhom ebda problema ma' l-Awtoritajiet fir-rigward tax-xoghlijiet li saru fil-blokk Moonglow House.*

   *1.4 Illi kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza l-konvenuti sahansitra infurmaw lill-kummercjanti tal-lokal li kienu se jsiru x- xoghlijiet u offrewlhom opportunita li jerghu jibnu l-hwienet sovrasanti ghall-izvilupp mill-gdid, jziedulhom basement bla hlas u jikkumpensawhom adekwatament ghaz-zmien li kienu se jkunu maghluqin tul ix-xogholijiet.*

*1.5 Illi l-konvenuti kienu kawti wkoll meta ghazlu lix-xogholijiet jsiru propju meta l-hwienet ta' Bugibba jkunu jew maghluqin jew kwazi maghluqin u dana bejn Dicembru u Marzu.*

2. ***Illi fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba' talba, ir-rikorrenti jitolbu l-kjamata in kawza tal-kumpanija Polidano Brothers Limited li wettqet ix-xoghlijiet li qed jilmentaw dwarhom ir-rikorrenti.***

*2.1 Illi x-xoghlijiet ma twettqux mill-konvenuti, imma minn kuntrattur minnhom imqabbad, Polidano Brothers Limited, li ghalhekk ghandu jigi kjamat in kawza ghall-integrita' u l-ekonomija tal-gudizzju.*

3. ***Illi, fil-mertu, sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni pretizi qeghdin jigu ikkontestati ghar- ragunijiet segwenti.***

*3.1 Illi preliminarjament, ir-rikorrenti jridu jippruvaw li huma sofrew xi danni, stante li mhux car min minnhom sofra d-dannu allegat.*

*3.2 Illi fir-rigward ta' l-allegata hsara fil-fond mikri [paragrafu 8 tar- rikors], ir-rikorrenti m'ghandhomx l-interess necessarju biex jitolbu hlas ta' danni ghaliex mhumiex il-proprjetarji imma biss l-inkwilini tal-fond maghruf bhala Granny's Restaurant*

*3.2 Illi fir-rigward ta' hsara li allegatament saret lill-ikel mahzun fil-fond [paragrafu 8 u Dok D anness mar-rikors], ir-rikorrenti kienu jafu bix-xoghlijiet li ser isiru u ghalhekk messhom hadu l-azzjonijiet necessarji biex jimminimizzaw id-danni, kif inhu obbligu taghhom.*

*3.3 Illi fir-rigward ta' l-allegat tnaqqis ta' klijenti bejn Ottubru 2003 u t-12 ta' Dicembru 2003 [paragrafu 8], jigi rilevat illi, kif ser jigi ippruvat fil-mori tal-kawza, ix-xoghlijiet bdew f Dicembru 2003 u mhux f'Ouubru 2003 u ghalhekk din l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija totalment infondata.*

*3.4 Illi fir-rigward ta' l-allegazzjoni li r-ristorant dam hdax-il xahar maghluq minn Dicembru 2003 [paragrafu 9], jigi rilevat illi ix-xoghlijiet fil-blokk intemmu f'****April 2004****, u li minkejja li l-konvenuti immedjatament u ripetutament ikkuntattjaw lill-attur John Zamnit sabiex issir il-konnessjoni tas-servizzi ta' l-ilma u d-drenagg mal-fond << Granny's Restaurant >>, kien l-istess Zammit illi irrifiuta li jikkoopera b'tali mod illi dawn ix-xoghlijiet fil-fond mikri lilu setghu jitlestew biss f'Awissu 2004. Fi kwalunkwe' kaz. ir-rikorrenti iridu jippruvaw it-telf allegat.*

*3.5 Illi l-intimati jaccettaw illi xi kumpens jista' jkun dovut ghal perijodu ta' erba' xhur li matulhom kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet fil-blokk Moonglow House, pero' umilment jissottomettu illi fi kwalunkwe' kalkolu ta' danni din l-Onorabbli Qorti ghandha tiehu konjizzjoni tas-segwenti :*

- *Huwa fatt maghruf illi bejn Dicembru u April, jigifieri fix-xhur tax-Xitwa, il-kummerc f Bugibba huwa batut hafna.*

- *qabel bdew ix-xoghlijiet l-intimati bi qbil mas-sidien tal-fond <<Granny's Restaurant >>, kienu offrew lir-rikorrenti illi, a spejjez ta' l-intimati, ir-ristorant jigi totalment rinovat. Din l-offerta generuza kienet accettata mis-sidien tal-fond pero giet kapriccjozament rifjutata minn John Zammit inkwilin, minkejja li fis-sena 2004, wara li tlestew ix-xoghlijiet, huwa stess zamm il-fond << Granny's >> maghluq biex jaghmel xoghlijiet ta' refurbishment.*

- *Kemm qabel u kemm waqt ix-xoghlijiet, l-intimati ripetutament offrew lir-rikorrent John Zammit, minghajr pregudizzju, kumpens fl- ammont ta' hamest elef lira Maltija (Lm 5000) liema offerta ghadha miftuha.*

- *L-intimati, minghajr pregudizzju, hallsu lil sid il-fond tlett xhur kera (Lm944) dovuti mill-intimat John Zammit (dok SZ 1)*

4. ***Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti thoss li xi ammont ghadu dovut, l-intimati m'ghandhomx jehlu spejjez gudizzjarji.***

*4.1 Illi kif ga spjegat u kif se jigi ippruvat, l-intimati dejjem kienu lesti li jikkooperaw mar-rikorrenti, u kienu dawn ta' l-ahhar li naqsu li jirreciprokaw anzi uzaw din is-sitwazzjoni sabiex ma jonorawx obbligi kummercjali taghhom ma' terzi kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.*

*5. **Salvi eccezzjonijiet ohra li jistghu jitressqu mill-intimati skond il-ligi.***

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-13 ta' Marzu 2007 fejn gie kjamat in kawza il-kuntrattur Polidano Brothers Limited (a fol. 78) ;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-6 ta' Mejju 2008 fejn innominat lil Dr. Yvette Cassar bhala Assistent Gudizzjarju (a fol. 82) ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-20 ta' Mejju 2011 fejn innominat lil Patrick Dato Mallia bhala Perit Komputista (a fol. 149) ;

Rat ir-rapport tal-Perit Komputista Patrick Dato Mallia prezentat fl-4 ta' Jannar 2012, u mahluf fil-21 ta' Gunju 2012 (a fol. 173 et seq.);

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet tar-rikorrenti John Zammit pro et nomine tas-26 ta' Mejju 2015 (a fol. 273 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' APMAZ Company Limited u Sergio u Gloria konjugi Zampa tal-15 ta' Lulju 2015 (a fol. 283 et seq.);

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattzzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**John Zammit,** permezz ta' affidavit a fol 85 – 88 xehed illi huwa kellu negozju fil-fond Granny's *Restaurant* fi Triq Korp il-Pijunjieri, Bugibba li kien jikri minn JTMR Limited u li kien ilu ghandu minn xi 1987. Dan ir-*restaurant* kienu jmexxuh uliedu. B'konsegwneza ta' dak li gralu, l-hanut illum il-gurnata biddilu ismu ghal Indian Breeze. Qal illi madwar erbgha snin qabel ix-xhieda tieghu, bintu kienet qaltlu li semghat li Zampa kienu ser iwaqqghu fuq ir-*restaurant* u ghalhekk kien cempel lil Sergio Zampa li kien qallu biex jiltaqghu flimkien mal-perit tieghu Martin Farrugia. Qal din il-laqgha kienu prezenti hu, bintu, Sergio Zampa u l-Perit Farrugia. F'din il-laqgha gie informat illi huma kienu bi hsiebhom inwaqqu il-binja, jerga jibnu u jaghmlulu basement, bil-kundizzjoni li jaghmel il-madum u l-irham a spejjez tieghu. Hu staqsiehom kif kienu bi hsiebhom jikkumpensah minhabba li kien ser ikollu jaghlaq u Zampa qallu biex jahdimlu dak li kien qieghed jippretendi u jergu jitkellmu. Ghalhekk kien spiccaw il-laqgha bil-kelma t-tajba.

Hu kien ghamel il-kalkoli tieghu u ha parir minghand avukat, u kien baghat ittra bl-avukat lil Zampa. Minn naha tieghu dan kien ha ghalih li kien involva avukat u ma riedx ikellmu iktar. Hu baqa' ghaddej bix-xoghol normali, u tliet xhur wara Zampa beda jarma scaffolding fuq barra tar-*restaurant*. Wara li kellmitu t-tifla fuq il-mod kif dan kien sar, huma mar jara b'ghajnejh stess, u ra illi l-iscafolding, kien sar baxx tant li n-nies ma setghux jghaddu ghax jahbtu rashom u li u ma kienx gie mghotti u mdawwal skont il-ligi ghal protezzjoni tan-nies. **Kien minn dan il-mument li beda jitlef ix-xoghol.**

Zampa ried ukoll jaghmel crane fit-triq, u kien cempillu certu Ronald tal-Mirabelle *Restaurant* biex imorru jaghmlu complaint mal-Kunsill, fejn iltaqghu mas-sidien tal-Granny's, il-Mirabelle, tan-Nova Tours u s-souvenir shops ta' hdejhom, sabiex jilmentaw illi l-crane kien qieghed itellifhom il-business kollu. Il-krejn spicca intrama fil-bidu tal-pjazza vicin ta' Granny's u Zampa beda x-xogholijiet.

Kompla illi meta beda ix-xoghol tat-twaqqiegh uliedu bdew jibzghu ghaliex ix-xoghol kien qieghed isir b'mod traskurat, tant li darba waqqghu gebda fil-bitha tieghu u kwazi

laqtu guvni li kien qieghed hemm. Minhabba dan ix-xoghol in-nies bdew jibzghu jidhlu ghandu u beda jitlef ix-xoghol. Imbaghad qalghu is-saqaf u l-hitan ta' madwaru.

Minhabba li spicca minghajr membrane dahalu l-ilma, u tarlu l-eletriku. Ghalhekk kellem lil perit ta' Zampa, li kien ta struzzjonijiet biex jaghmulu membrane. Darba ohra kienet waqghet pallet mimlija bricks u faqghet is-saqaf tal-kcina. Kien hemm konsenturi kbar u bid-daqqiet seta jara minn naha ghall-ohra tal-hajt. Huwa ilmenta mal-Perit Farrugia li kien mar fuq il-post u qallu biex jaghlaq il-hanut ghaliex kien hemm stat ta' periklu.

Ghalhekk hu avvicina lil Zampa u qallu biex imqar ihallaslu l-kera li kienet tammont ghal Lm900 kull tliet xhur. **Zampa filfatt kien hallas l-ewwel rata**, izda t-tieni u t-tielet wahda ma riedx ihallashom u kellu jhallashom hu stess. John Wismayer kien qallu li Zampa kien accetta li l-hsara saret minhabba x-xogholijiet.

Qal li qabel ma bdew ix-xogholijiet kien ghadu kif ghamel refurbishment li kien swielu Lm6,700. Il-haddiema ta' Zampa kien dahlu minghajr permess fil-parapett tieghu u qalghu l-injam li kellu mal-hajt, il-fustun u l-aluminium, telghu scaffolding biex izomm l-ewwel bicca tal-gallarija u waqqghu il-balavostri.

Darba minnhom meta kien qieghed jiehu r-ritratti, flimkien ma' martu, kienu marru fuqu haddiem barrani u iben Sergio Zampa li kellmu hazin u nizzel il-haddiem ghalih. Hu beza' u mar ma martu ghand il-Pulizija ghal ghajnuna u ghalhekk inbdew proceduri kriminali kontra Francesco Zampa fuq dan l-incident.

**B'kollox kien ghamel hdax -il xahar maghluq**. Kienet saret hsara fil-parapett u fil-kcina, u sahansitra il-wires kellhom jigu mghoddija minn barra ghaliex kienu ghaffgulu l-conduits. Kienu ser jifthu r-*restaurant* fl-ahhar tas-sajf 2004 wara li Zampa kien accetta li jaghmillu xi tiswijiet li kellu jaghmel. Kienu ghamlu zmien minghajr drenagg wara li Zampa kien qataghulu. Hu kien ilmenta mal-Perit Farrugia, u kien accetta minghajr pregudizzju li temporanjament id-drenagg jibda jizbokka fuq il-parapett tieghu bil-kundizzjoni li ssir manhole tajba. Pero Zampa qatt ma rrangalu d-drenagg kif kien u baqa' jizbokka mill-parapett tieghu.

Ma setghux lanqas jifthu t-tieqa tat-toilet peress illi Zampa kien hadlu madwar sitt puzlieri mill-hajt wara li kienu waqqaghlu c-cint tal-bitha minghajr il-permess tieghu.

Din il-bitha kienu jaqsmuha hu u tal-Bonkers, u kien hallas ghaliha hu madwar tmintax – il sena qabel.

Waqt li kien maghluq baqa' jhallas il-paga tal-impjegati peress li ma xtaqtx jitlef is-servizz tajjeb taghhom. Il-kera wkoll kellha tkompli tithallas. Barra minn hekk hu sofra hsara strutturali u interna, ghalkemm minn din il-hsara Zampa kien irrangalu l-art u l-hitan, ghamel xoghol ta' tibjid u l-gypsum, tiles u dawl. Pero huwa baqa minghajr it-tarag tal-granit li kien ghamel qabel ir-refurbishment, it-tabella tar-*restaurant*, il-balavostri tac-cint tal-parapett u kellhu jaghmel pregnant railings. L-irham kellu jerga jaghmlu a spejjez tieghu. Spjega li hallas Lm1,800 ghalkemm kien wieqaf, u t-tabella tar-ram tisqa Lm450. Id-deprezzament tal-apparat stmah fl-ammont ta' Lm4,380 u hallas il-pagi ta Rachel Zammit, Julie Tonna u Charles Friggieri.

Barra minn hekk, kellu hafna stock li kellu jintrema u tilef kuntratti li kellu mas-suppliers minhabba li kellu arrangamenti li jixtri certu ammont fis-sena. Tant hu hekk illi supplier minnhom, u cioe Borg Cold Stores kienu procedew b'kawza kontrih u l-kumpanija tieghu Finrac Ltd li ntrebhet minn Borg Cold Stores fil-5 ta' April 2005 ghas-somma ta' Lm18,987.41 bl-interessi kummercjali. Inoltre tilef sena goodwill tar-*restaurant* apparti sena profitt.

Zammit sostna illi tant ix-xoghol ta' Zampa kien affettwahom hazin, illi kien spicca **ghalaq Granny's** li kien ilu ghandhom madwar ghoxrin sena u **minflok fetah *restaurant* b'Indian cuisine peress illi in-nies ma kienux qed imorru iktar ghand Granny's ghaliex kien spicca tilef l-isem li hadem hajtu kollha biex jibni.**

**In kontro-ezami** a fol 257 – 259 u 261 – 262 xehed illi huwa qed ifittex lil Sergio Zampa personalment ghaliex l-applikazzjoni mal-MEPA hija f'ismu u anke ghad-danni peress illi kien hu illi hargu mir-*restaurant* u kien ser joqtolhom. Qal illi lil Sergio Zampa kien jarah fuq il-lant tax-xoghol u anke lil Francesco Zampa li jaf biss li kien it-tifel tal-intimat meta kien hebb ghalihom u ghamillu rapport mal-pulizija. Qal illi qabel beda x-xoghol ma kienx jaf li ser isir il-progett u meta gew il-haddiema fuq il-post

kienet sorpriza ghalih. Qal pero illi wara li bintu kienet rat il-karta mal-binja kien pprova jiftiehem mal-perit izda huma kienux is-sid tal-post, u barra minn hekk kienu lahqu bdew ix-xogholijiet. Qal li kien sar scaffolding mill-kuntrattur u anke gakkijiet u saritlu hafna hsara, inkluz ksur tal-balavostri.

Qal illi huwa qatt ma talab lil Zampa ihallaslu l-kera pero Zampa kien filfatt hallas il-kera, pero imbaghad kompla jhallasha huwa stess avvolja kien ghadu ma fetahx ir-*restaurant*. Qal ukoll illi huwa ma kellux komunikazzjoni mal-kuntrattur u lanqas biss kien jaf min kien ghaliex qatt ma rah fuq il-lant tax-xoghol, tant li meta kien ikun hemm xi problema kienu jkellmu lil haddiema. Wiegeb illi hu ma ha l-ebda azzjoni kontra sid il-post, u lanqas ma avvicinah biex jiggarantilu t-tgawdija tal-post mikri lilu, ghaliex ma kienx is-sid illi waqqa' l-post. Ikkonferma li kien cempel lil perit Martin Farrugia peress li kien qieghed jidhol l-ilma, u li kien qieghed jikkomunika mal-perit kontinwament. Ikkonferma wkoll illi kien il-perit ta' Zampa li kien tah sturzzjonijiet biex jaghlaq il-post u johrog minnu ghaliex kien hemm wisq periklu.

Mistoqsi rigward dak li qal li kien baqa' jhallas l-impjegati tieghu, wiegeb li kien baqa' jhallashom **ghall-circa tliet xhur kellu jwaqqafhom**. Mistoqsi kellux *restaurant*s ohrajn f'idejh dak iz-zmien wiegeb illi kellu tnejn ohra, **u cioe Chains u Lo Squero**, li kienu wkoll f'idejh b'kirja. Mistqosi ghalfejn ma bghatx dawn il-haddiema jahdmu hemm matul dawk it-tliet xhur wiegeb illi ma setghax peress li diga kellu haddiema ohra f'dawn ir-*restaurant*s. Qal illi kien zamm lil dawn il-haddiema ghalkemm ma kieux qed jahdmu peress illi basar li ser jerga jiftah, u l-kumplament tal-haddiema gieli jattiraw in-nies huma stess. Mistoqsi ghalfejn ma qabbadtx u ghalaq mill-ewwel wiegeb li dan kien ghaliex kompla jipprova jghix minn fuq il-post u anke ghaliex minhabba li kien kerrej is-sid kien ikun jista' jerga jiehu lura l-post li kieku baqa' maghluq ghal certu zmien.

Mistoqsi, b'referenza ghal klawsola relattiva fit-tieni pagna tal-kuntratt ta' kiri jekk kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni u jekk ghamilx claim wiegeb illi ma jiftakarx jekk kellux polza ta' assikurazzjoni izda claim zgur m'ghamilx. Mistoqsi jekk jaqbilx illi il-catering business jnaqqas it-turnover fix-xhur tax-xitwa u zzid fis-sajf, wiegeb illi huwa minnu li fis-sajf in-negozju jkun ahjar pero fix-xitwa xi hwienet qrib tieghu kienu jghalqu u kien jibqa' miftuh wahdu u ghalhekk kien igawdi minn iktar

klijentela,u dan barra l-fatt illi fix-xitwa kien ikun hemm numru ta' nies Inglizi li jqattu xi xhur Malta. Ikkonferma li fix-xitwa hu kien jibqa' jiftah kulljum u kien joffri breakfast, lunch u dinner. Qal illi b'kollox kien spicca ghamel kwazi sena maghluq.

In re ezami a fol 262 – 263 kjarifika li l-kuntatt kontinwu li kien ikollu mal-perit tal-intimat kien meta jinqala' xi haga.

**Rachel Zammit** xehdet permezz ta' affidavit a fol 89 – 91 illi hi tigi bint John Zammit u kienet ilha seba' snin tmexxi Granny's *Restaurant* ghal missierha meta saret taf min tan-Nova Tours li kien ser isir xi xoghol ta' kostruzzjoni fuq ir-*restaurant* taghhom. Spjegat li ma kienitx indunat bil-permess ta' Mepa peress illi dan kien twahhal wara l-kantuniera u mhux mal-bieb ta' Moonglow Flats. Ghal bidu tax-xogholijiet meta kien beda diehel l-ilma kienet ilmentat ma' Francesco Zampa, iben Sergio Zampa, li kien ikun qieghed jissorvelja x-xoghol u ma' certu Ian li kien jahdem ma' Polidano.

L-ewwel kien sar scaffolding baxx li kien jingombra l-imwejjed u l-parapett tant illi beda jaqa' t-trab fuq in-nies, u l-perit taghhom kien gieghlhom jogholuh peress li ridt tbaxxi raxxek biex tkun tista' tidhol fir-*restaurant*. Fil-bitha kienet waghat "chunk" konkoss li kwazi laqghtet lavrant li kien qieghed ipejjep fil-bitha li kienu mhux ghaliex zammietha l-wire mesh li kien izomm il-grieden. Kellhom hafna ilmenti mill-klijenti minhabba l-"iscaffolding" u l-istorbju, u n-nies bdew jaqsmu t-triq biex jevitawhom. Madwar tliet xhur qabel il-Milied ingibditilha l-attenzjoni li l-ilma kien qieghed iqattar go zewg "spotlights" u jtajjar is-salvavita ghaliex dahal hafna ilma fis-saqaf. Il-Perit ta' Zampa kien qalilhom li l-haddiema kienu ghadhom m'ghamlux "membrane" u hallewhom mikxufin. **Darba ohra waqghet pallet ta' bricks fuq is-saqaf tal-kcina u wara sabu illi minhabba f'hekk is-saqaf kellu l-qsim u t-tubu sploda mal-art. Il-Perit ta' Zampa imbaghad qalilhom biex jaghqlu l-istabbilment ghaliex issa kien perikoluz.**

B'kollox **kien damu kwazi sena maghluqin**, u regghu fethu lejn l-ahhar ta' Ottubru **2004**. Missierha baqa jhallas liz-zewg chefs, xi Lm80 fil-gimgha, tliet waiters, lilha u lill-ohtha.

Fl-affidavit taghha ghamlet elenku tal-hsarat li saru fir-*restaurant*. Spjegat ukoll illi Zampa kien qala d-drenagg biex jikkomunikaw ma tieghu minghajr ma qalilhom. Ian u Francesco Zampa kienu marru jghidulha li kien hemm xi hsara fid-drenagg u kienu qalghu il-madum kollhu. Missierha kien ipprotesta mal-Perit ta' Zampa u kienu irrangawlhom billi ghaddew id-drenagg minn taht l-imwejjed mal-bankina li m'huwiex igeniku ghal *restaurant*. Barra minn hekk il-wires kellhom jitpoggew fuq barra peress illi l-electricians ta' Zampa ma setghux jaghmlu mod iehor. Zampa ma riedx jirranga l-madum li kien infaqa' fil-kcina, u kienet tghattih bl-appliances sakemm kien qieghed jopera Granny's. Meta misserha ra li ma kienux ser jergu jaqbdu r-ritmu tax-xoghol minhabba il-kostruzzjoni ta Zampa, **rega fetah bhala Indian Breeze** u kellhom jirrangaw kollox a spejjez taghhom.

Qalet illi l-hajt ta' magenbhom inbezaq il-barra u ghalkemm Zampa irrangah dan ma sarx sew peress li l-hajt xorta ghadu l-barra u z-zebgha mhux l-istess, u kienu qed jaghtuh b'pittura. It-tiles tal-*bathroom* waqghu wara li reghu fethu minhabba t-thaffir u baqghu hekk. Fis-saqaf tal-kcina ghamlu travu li kerrah ghaliex is-saqaf gie maqsum, u l-hajt tax-xshaft resaq il-gewwa meta ssewwa.

Matul dawn ix-xogholijiet sakemm ghalqu il-bejgh nizel b'mod alarmanti u prattikament ma kellhomx nies. Hi stess kienet tibza tidhol ghax-xoghol. Meta reghu fethu damu xi tliet xhur qabel ma bdew imorru ghandhom xi kljienti. Spejgat illi tant affetawhom ix-xoghol li ghamel Zampa illi spiccaw **ghalqu Granny's** li kien ilu miftuh **xi ghoxrin biex fethu *restaurant* b'Indian cuisine bit-tama li b'goodwill u isem gdid in-negozju jerga jirpilja.**

**Il-Perit Ray Vassallo,** prodott mill-atturi, li xehed a fol 102 – 105 ikkonferma bil-gurament tieghu illi d-dokumenti ezebiti a fol 16, 18 u 19 tal-process kien harighom hu. Spjega illi f'Dicembru 2003 kien cempillu John Zammit li kien talbu biex imur Granny's *Restaurant* biex jara xi hsara. Meta mar ra illi kien hemm hafna armar stallat proprju mal-faccata tar-*restaurant* in konnessjoni ma twaqqiegh ta' sulari li kien qed isir u hu iccertifika li dan l-armar kien ovjament qed jaghmel *obstruction*. Kien iccertifika wkoll li kien hemm hsara minhabba dhul tal-ilma tax-xita u kien hemm hsara li taffetwa l-istallazzjoni elettrika ta' Zammit, u imbaghad kien hemm anke hsara fizika fis-sens illi kien waqa' xi cangun u qasam is-saqaf tal-kcina li imbaghad kellu

jsir travu tal-hadid biex is-saqaf jigi issodat. Saret ukoll hsara fil-*finishes* tal-post kif jidher fic-certifikat li kien hareg.

Qal li huwa kien iltaqa' anke mal-Perit ta' Zampa u kien dejjem jaghmel enfazi li x-xogholijiet jithaffu peress illi Zammit ma setghax ikompli jopera r-*restaurant*. F'Dicembru 2003 kien hareg certifikat wara li mar fuq il-post hu stess, u hareg ic-certifikati l-ohra wara ghaliex kien induna b'diversi difetti godda, fejn kien ukoll qal illi r-*remedial works* ghandhom isiru b'urgenza biex ir-*restaurant* ikun jista' jerga jiftah.

Mistqosi rigward l-incident ta' meta waqa' c-cangun qal illi dan ic-cangun kien waqa' forsi gholi ta' xi piedi u dan kien bizejjed biex l-impatt faqa' s-saqaf. Ftakar ukoll li kien hemm hajt li kien jissepara l-kcina minn mal-bitha, u dan il-hajt tnehha minn Zampa minghajr il-permess tal-attur u bnieh aktar il-gewwa. Fil-process kienet inholqot ukoll problema fid-drenagg, ghaliex id-drenagg tal-attur ma kienx imqabbad mat-triq ta' quddiemu, izda meta Zampa qatghu id-drenagg ma indunawx b'dan u allura d-drenagg tal-attur beda jfur ghandhom.

Meta rega gie mistoqsi rigward l-incident ta' meta waqa' c-cangun fuq is-saqaf tal-kcina qal illi dan seta **kien kagun ta' traskuragni u seta kien accident**. Qal illi normalment jghidu illi huwa negligenza ghaliex suppost jittiehdu prekawzjonijiet biex jitnaqqas dan ir-riskju.

Qal ukoll illi t-tubu li kien imwahhal mar-*restaurant* waqa' u inkiser, u kienet anke saret hsara fl-equipment tal-kcina tant li kien irrakomanda li tigi tested mis-supplier. Kien hemm xi finishes, bhal per ezempju balavostri li sparixxew. Qal illi r-*restaurant* spicca sar building sit.

In kontro-ezami a fol 105 – 106, mistoqsi jekk ix-xogholijiet a fol 18 tal-process sarux minn electrician wiegeb illi dan ma kien xoghol ta' layman ghaliex trid bniedem tas-sengha biex jaghmilhom. Mistqosi jekk dawn ix-xogholijiet setghax ghamilhom il-klijent tieghu jew qabbad lin-nies jaghmilhom biex jigu evitati danni wiegeb illi hu jiftakar li kien mar il-Perit Azzopardi u kien tkellmu li hu kien ser jaghmel dan ix-xoghol pero ma jafx jekk dan kien effettivament gara. Mistoqsi jekk dawn ix-

xogholijiet kienux ta' natura straordinarja wiegeb illi hu kien partecipi fid-djalogu li kien hemm u kien mifthiehem li l-konvenut kellhu jaghmilhom.

B'referenza ghac-certifikat tieghu tas-6 ta' Lulju a fol 19 u mistoqsi jekk dawn ix-xogholijiet kienu ilhom pendenti wiegeb illi c-certifikati tieghu ivarjaw fid-data bejn Dicembru 2003 u Awissu 2004 u f'dak iz-zmien kienu graw hafna affarijiet kif kien diga spjega, u ghalhekk kien hemm serje ta' fatti li trid tarahom globalment biex jaghmlu sens. Mistoqsi fuq l-istatement li ghamel li l-klijent tieghu kellu r-*restaurant* maghluq u ghalhekk ma setghax jaqla flus wiegeb illi hu accounts ma rax pero s-sens komun jghid li la kien miftuh dawk is-snin kollha kien qieghed jaghmel qliegh.

Mistoqsi kienx hemm xi haga li twaqqaf lill-attur milli jqabbad kuntrattur biex jaghmel ix-xogholijiet imbaghad jibghat kont lill-konvenut wiegeb illi fil-prattika sakkemm ix-xoghol kien ghadu miexi fuq, kien prematur li jqabbad kuntrattur ghax setghat terga ssir xi hsara ohra. Mistoqsi jekk ix-xoghol kienx lest fl-4 ta' Lulju 2004 wiegeb illi meta kien ma jiftakarx li kien ra li x-xoghol kien lest. Mistoqsi jekk l-installazzjoni tad-drenagg kienetx kontra l-ligi wiegeb illi sa fejn jaf hu ma kienetx.

**WPS Ruth Magro ma setghetx twiegeb ghad-domandi li sarulha.**

**Ivor Robinich** in rapprezentanza tal-MEPA, prodott mill-atturi, xehed a fol 117 illi d-dokument a fol 11 huwa kopja tal-permess bin-numru 2895/2002 li inhareg mill-MEPA u l-kontenut ta' dan id-dokument tista' toqoghod fuqu. Mistqosi min kien l-applikant wiegeb li kien Sergio Zampa.

**L-Ispettur Therese Sciberras**, prodotta mill-atturi, xehed a fol 123 u ezebit kopja ta' zewg rapporti, mmarkati Dok PS1 li jinsab a fol 125 – 127 u iehor immarkat Dok PS2 li jinsab a fol 128 – 130.

**Saviour Camilleri**, prodott mill-atturi, xehed a fol 134 – 135 illi x-xoghol tieghu huwa ta' *interior decorator* u ikkonferma d-dokument li kien qieghed jigi ezebit bhala Dok X a fol 137 – 138, li huwa *quotation* li kien ta lil atturi ghal 'design and build services'. Qal li huwa kien **gie mqabbad fis-sena 2002**, u li ma jfissirx li dak kollu li kien hemm

fil-*quotation* kien sar, pero ma jiftakarx ezatt x'kien sar u ma sarx. Qal li pero il-klijent kien hallas kollox skont il-*quotation* u l-kontijiet.

**Emanuel Cutajar** xehed permezz ta' affidavit a fol 317 illi huwa ghandu l-professjoni ta' *accountant* u r-rikorrent huwa klijent tieghu. Spjega li huwa ra l-kopji tal-*Profit and Loss Accounts* ghas-snin 2000 sa 2008 li huma kollu iffirmati mir-rikorrent u kopja tat-*Tax Return* tieghu ghas-sena bazi 1999 u ezebixxa l-kopji relattivi. Qal li huwa hejja l-*Profit and Loss Accounts* principalment minn *accounting information* mizmuma mill-iskrivana tar-rikorrent li hu kien inkariga sabiex tipprepara u tirrekordja din l-informazzjoni li abbazi taghha hejja r-rapport tieghu. Kompla illi peress li r-*restaurant* jitmexxa mir-rikorrent personalment in-negozju tar-*restaurant* huwa rifless fil-*Profit and Loss Account* tar-rikorrent personalment u huwa ghalhekk ukoll illi l-kotba u l-*accounting information* ma gewx verifikati minn awditur, peress illi m'hemmx kumpanija involuta.

In kontro-ezami a fol 208 – 216 xehed illi John Zammit jopera taht isem personali. Mistoqsi jekk kellux x'jaqsam mal-kotba tal-kummerc inkluz il-*Profit u Loss Accounts* ta' Finrac Ltd u Racfin Ltd u f'liema konnessjoni wiegeb fl-affermattiv u li, Finrac Ltd kienet bieghet xi proprjeta u giet dormant u Racfin kienet topera Chains *Restaurant*; qal li dawn m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' Granny's *Restaurant.*

Spjega illi l-attur kien impjega tfajla biex taghmel *book keeping* baziku u kull meta tasal il-*Vat return* biex tintela kienet tghaddilu is-*summary* tas-*sales* u *purchases* u l-*Vat return* kienet tigi bbazata fuq dawn il-figuri. Qal illi hu ma jiffirmax il-*Profit and loss account* ghaliex ma jaghmlux meta jittratta ta' *sole trader* izda meta tkun kumpanija ssir *audit report* u jigu ffirmata wkoll. Qal ukoll illi huwa m'ghandux obbligu jivverifika l-informazzjoni li jkun gie moghti. Muri l-*profit and loss account* tas-snin 2001 u 2002 wiegeb illi dawn m'humiex *abridged versions*, izda huma l-proprju rendikont u d-differenza hija biss fil-format. Mistoqsi rigward l-eghluq ta' Granny's *Restaurant*, b'referenza ghall-affidavit tieghu, qal illi huwa xehed biss fuq informazzjoni li tah l-attur, u li ma kienx f'posizzjoni jghid kemm dam maghluq. Qal illi l-*profit and loss account* issir ghal fini ta' taxxa. Mistoqsi jekk il-*profit and loss account* ghandux **jinkludi t-telf kollu possibli f'dik is-sena partikolari wiegeb** fl-**affermattiv**, **u wkoll illi l-ispejjez bhal deprezzament, telf ta' hazna u kera ta'**

**dawl u ilma jkunu inkluzi fil-*profit and loss account***. Qal illi qatt ma gew preparati *balance sheets* ghal Granny's *Restaurant.*

Rigward is-somma ta' Lm93 per day bhala kera qal illi din il-figura kien tahilu l-attur. Qal illi l-kera msemmija fil-*profit and loss account* tas-snin 2001 u 2002 wkoll tahielu l-attur. Mistoqsi x'jaghmel kieku jaghmel audit u jara xi diskrepanzi, wiegeb illi jitlob verifiki.

**Il-Perit Martin Farrugia** xehed a fol 222 – 224 illi huwa ilu perit mill-1985 u Sergio Zampa kien kljient tieghu li ukoll bnielu blokka appartamenti fil-pjazza ta' Bugibba fejn illum hemm il-Pizza Hut. Qal li fil-bidu net, qabel ma bdew jibnu jew ftit wara, huwa kien ghamel spezzjoni tal-post u ra l-katusi u l-kondizzjoni tas-saqaf u affarijiet bhal dawn. Mistqosi, qal illi l-prassi normali hija illi din l-ispezzjoni issir qabel jinbeda x-xoghol u jsir dak li jissejjah *condition report.* Qal li filfatt huma ma kienux uzaw il-hitan ta' Zammut izda kienu ghamlu struttura indipendenti. Qal ukoll illi huma waqqghu kollox hlief il-hanut tar-rikorrenti u zewgt ihwienet ohra li kien hemm. Mistoqsi x'kien l-involviment tieghu waqt ix-xogholijiet qal illi kien wiehed normali, kien imur fuq il-post xi darba fil-gimgha. Mistoqsi jekk kienx hemm xi incidenti jew drabi ohra fejn kellu jmur fuq il-post, wiegeb illi kien hemm xi kwistjoni izda ma jiftkarx id-dettalji. Qal illi lil Dato Mallia qatt ma kellmu u illi ma jiftakarx fuq xi incident li affetwa s-soqfa tar-*restaurant* tar-rikorrenti. Qal ukoll illi kien iltaqa' mal-Perit Ray Vassallo fuq is-sit tax-xoghol izda ma jiftakarx ic-cirkostanza.

**Sergio Zampa** xehed a fol 243- 249 illi l-proprjeta Moonglow f'Bugibba hija kollha proprjeta tas-socjeta ntimata li huwa jaghmel parti minnha bhala direttur, izda m'ghandux ishma fl-istess socjeta. Rigward ix-xogholijiet in kwistjoni qal li kien jaf bihom ghaliex kien involut personalment u filfatt kien iffirma ghas-socjeta ntimata fuq l-applikazzjoni tal-MEPA. Spjega illi huwa kien qed isegwi dawn ix-xogholijiet li kien jikkonsistu fit-twaqqiegh u bini mill-gdid tal-blokka, salv il-livell ta' mat-triq li kien proprjeta ta' terzi, inkluz ir-*restaurant* mikri u gestit mir-rikorrenti, liema fond kien proprjeta tas-socjeta li jaghmel parti minnha John Wismayer.

Spjega li meta kienu ser jibdew ix-xogholijiet kien iltaqa' mas-sidien ta' dawn il-proprjetajiet u l-persuni li kienu qed jigestixxu negozju minnhom. Qal illi kien ikkonvinca lil tas-Sun Skill u Nova Tours biex johorgu mill-post u jaghtuh cans tliet

xhur sabiex jaghmel ix-xogholijiet neccessarji, izda ma kienx irnexxilu jikkonvinci lir-rikorrenti biex jaghmlu dan, u filfatt ix-xogholijiet bdew minghajr il-kunsens tieghu. Qal ukoll illi meta bdew ix-xogholijiet f'Dicembru ir-rikorrenti kien ghalaq ir-*restaurant* u huwa kien hallas lil Wismayer tliet xhur kera peress illi kien qallu li r-rikorrent ma riedx ihallsu. Kompla illi x-xogholijiet saru bejn Dicembru 2003 u April 2004 fiz-zmien meta l-hwienet ta' Bugibba jkunu maghluqin.

Kompla li f'Mejju tas-sena 2004, meta l-blokka kienet kollha lesta, kien cempel lir-rikorrent diversi drabi peress illi l-perit kien qallu li jridu jaraw is-sistema ta' drenagg u r-rikorrent kien jghidlu li ma setghax ikellmu ghaliex kellu *slipped disk* u kien diehel u hiereg l-isptar. Qal illi l-hwienet l-ohrajn kienu diga qed jopera f'dan iz-zmien. Qal ukoll illi f'Gunju 2004 rega prova jkellem lir-rikorrent li kien jinsulentah u jghidlu li m'ghandux flus biex jidhol f'iktar spejjez. F'Lulju 2004 ir-rikorrent mar jiftah ir-*restaurant* fil-presenza tal-perit Martin Farrugia u l-perit tieghu Vassallo biex jaraw is-sistema tad-drenagg. Spjega li kien hemm xi ceramic tiles li kienu nkissru u kienu biddluhomlu huma stess. Qal ukoll illi r-rikorrent kien qallu li l-hanut kien qieghed jinzamm maghluq ghaliex bintu kienet qieghda Cipru.

**Francesco Zampa** xehed a fol 251A – 251B illi l-involviment tieghu fil-progett ta' Munroe fil-pjazza ta' Bugibba kien ta' *overview* tal-progett in generali u cioe illi jaccerta li kollox miexi sew bhala xogholijiet u bhala *time frame*. Il-proprjeta in kwisjoni tappartjeni lis-socjeta Apmaz Company Limited li hija ta' missieru. Huwa spjega illi dak iz-zmien huma kienu kellmu lis-sidien ta' tliet ihwienet; ma' tnejn minnhom irrangaw izda kellhom kwistjoni mal-intimat, u dan ghalkemm kienu offrewlu kumpens u anke illi iwaqqghu l-post u jaghmlulu basement. Zied illi l-intimat ma kienx sid il-post, li kien iz-ziju tar-rikorrenti certu John Wismayer li minn naha taghhom kienu tawh il-kera dovuta ghaliex ma kienx hallasha l-intimat.

Kompla illi meta bdew ix-xogholijiet f'Dicembru tas-sena 2003 kienu avvicinaw lill-intimat biex jipprovaw jirrangaw mieghu izda l-intimat iddecieda li ma jaghlaqx. Ghalhekk kienu tkellmu mal-perit taghhom Martin Farrugia ili kien biddel xi strutturi biex l-intima tkun jista' jkompli jopera. Zied illi x-xogholijiet ta' struttura in generali lestew cirka f'April tas-sena 2004. Huma kienu cemplu lill-intimat biex jinformawh b'dan u biex jitolbuh access ghal hanut sabiex jigi vverifikat jekk sarux hsarat, izda l-

intimat dejjem kien jivvinta skuzi biex dan ma jsirx. Il-kwistjoni ghalhekk gebdet sa Awissu 2004. Spjega li rrizulta li kien hemm problema fid-drenagg, u huma kienu biddlu xi affarijiet fid-drains u l-madum kollu tal-intimat. Xehed ukoll illi Grannies huwa sitwat f'post turistiku li fi xitwa jkun kwiet hafna.

**In kontro-ezami** a fol 270A – 270E xehed illi li l-involviment tieghu fil-kwistjoni tad-drenagg kien illi kien prezenti mal-periti biex jara l-problema x'inhi u kien ikun prezenti peress li dak iz-zmien kien ikun prezenti fuq is-sit. Mistoqsi meta nqalghat din il-kwistjoni wiegeb li bil-preciz ma jafx pero li jista' jikkonferma x-xoghol kollhu tlesta fl-2004. Mistoqsi kemm damet biex tigi rizolta l-problema tad-drenagg wiegeb illi kienet damet ftit ghaliex biex jaghmlu appuntament mar-rikorrent kien ikun dejjem difficli. Qal illi meta rrangaw il-hanut kollox beda jahdem u l-problemi bdew meta r-rikorrent iddecieda li jerga jiftah. Mistoqsi, b'referenza ghax-xhieda tal-perit Martin Farrugia jekk jistax ikun li x-xogholijiet tlestewx f'Awissu u mhux f'April wiegeb illi jekk dan kien hekk gara minhabba li r-rikorrent naqas milli jiftah lil Perit biex il-Perit ikun jista' jiccertifika l-post, ghaliex ix-xogholijiet kien tlestew f'April. Mistoqsi jekk kienx hemm komunikazzjoni mar-rikorrent meta tlestew ix-xogholijiet wiegeb illi ma setghux ikunu jafu ghaliex il-hanut kien maghluq. Qal ukoll li d-drenagg u affarijiet ohra mhux relatati mal-kostruzzjoni ma kienux obbligu taghhom u li filfatt minn naha tal-Pizza Hut kellhom cavetta biex ikunu jistghu jiehdu hsieb dawn ix-xogholijiet.

Ikkonferma illi meta nqalghet il-problema tad-drenagg kellu jindbidel il-madum tal-hanut tar-rikorrent u l-madum kienu xtrawh huma a spejjez taghhom, pero ma setghax jindika bil-preciz meta sar ix-xoghol.

**In ri-ezami** a fol 270E – 270270 F xehed illi Apmaz Ltd kienet qabdet lil Polidano Group biex taghmel ix-xogholijiet in kwistjoni, li kienet hadet sehem fix-xogholijiet mil-bidu sal-ahhar. Xehed ukoll li meta x-xogholijiet strutturali kienu lesti u kienu qed jipprovaw jikkomunikaw mar-rikorrent biex jiftah il-hanut ir-rikorrent kien dejjem igib xi skuza biex ma jmurx.

**Ikkonsidrat:**

Il-Perit Komputista Mallia nnota li (vide fol 207 et seq), Emmanwel Cutajar in kontro-ezami xehed li il-kotba tal-accounts mhux soggetti ghall-verifika u ma gewx awditjati.

Li l-attur John Zammit kien impjega tfajla li zzomm u dahhal id-dettalji tas-*sales* u il-*purchases*, ossia l-bookeeping baziku, u tghaddilu dawn is-summaries u abbazi ta dawn il figuri u informazzoni mill attur, jipprepara l-Profit & Loss Account mhux iffirmati minnu u mghux awdijat;

Li Emanuel Cutajar xehed ukoll **li spejjez bhal deprezzament, kera, telf ta' hazna (stock deterioration), pagi kienu nkluzi fil *Profit & Loss Account***, u jekk wiehed ihallas d-differenza tal *profit* (*shortfall and or loss of profit*) **allura t-telf fil-profitti jigi kkumpensat.**

Li l-attur Forna l-informazzjoni finanzjarja konsistenti f'kopji ta' 'Prospetti tat-Taxxa' mehmuza mal-Kontijiet tal- '*Profit and loss accounts*' ghas-snin 1999-2008; u li l-attur kien ukollipprezentat talba gdida ( Dok L ) ghal €133 ,364 (Euro).

Il-Perit Komputista dehrlu li kien hemm kunflitt enormi bejn din it-talba u il - claim li kienet giet pprezentat ukoll fil 18 ta' Dicembru 2003 (Dok JZ l0) ghal **LM 113,362** ekwivalenti ghall **€264,067** aktar mid-doppju l-ammont **cioe' 133% oghla**. Wiehed jinnota wkoll li l-Returns ta' Taxxa tad-Dhul kienu pprezentati ghas-snin 1999-2008, **hlief ghas-snin 2003 u 2004**, li huma l-aktar importanti u rilevanti ghal dan il-kaz partikolari. Ghandu jigi enfasizzat il-punt li Kont tal-Qlieh u Telf (il-Profit & Loss Account) pprezentati lill-Taxxi Interni ghandu juri l-ispejjez kollha, it-telf (u t-telf possibbli kollhu) u d-dhul. Il-Perit Komputista jistaqsi ghaliex mhux il-telf u l-ispejjez kollha kienu inkluzi fil-Kont tal-Qligh u Telf sottomessi lid-Dipartiment tat-Taxxi interni, izda gew inkluzi u mizjud propju issa fid-Dokument L.

Barra minn hekk, l-attur John Zammit dejjem ddikjara profitti minn *Restaurant* Grannie ghall-ghaxar snin 1999-2008 **anke matul is-snin 2003 u 2004 meta x-xoghlijiet ta' kostruzzjoni kienu qed jitwettqu.**

Apparti dan kollu, hafna mill-ispejjez bhall-kera (€4,397), deprezzament (€6,669) pagi, ilma u elettriku. huma wkoll mtennija fid-talba bhala spejjez, **u dawn u ohrajn huma riflessi fil-Kont tal-Qligh u Telf (Profit & Loss Account).**

DOKUMENT L jinkludi l-Avvjament (Dok K) li jammonta ghal €28,084 Euro u wkoll it-telf ghall-hdax ix-xhur jammontaw ghal €23,000 Euro.

Ta min jghid li ndividwu jew kummerc **ma jistghux jitolbu jew ikunu rimburzati darbtejn ghall-istess tip ta' telf**, li f’dan il –kaz huwa telf ta' 'Goodwill' li kkawza it-telf ta' qligh, fis-sens kif spjegat aktar tard fir- rapport ma kien hemm l-ebda biegh jew *acquistion* ta negozju.

Ghalhekk, il-Perit Komputista wasal ghall-konkluzjoni lil-attur John Zammit **ma jistax jithallas lura aktar mill-profitti; lanqas ma jista jigi rimborzat aktar mill-ammont li kien propabbilment jirrealizza, kieku il-xoghlijiet ta' kostruzzjoni ma sehhitx**.

L-gheluq temporanju minhabba l -kostruzzjoni ta' xoghlijiet, interompa l-klijentela tieghu u bhala rizultat il-profitti naqsu.

L-avvjament tan-negozju mitlufa (lost goodwill) f’dan il-kaz partikolari, huwa xejn aktar minn-telf propabbli ta 'profitti **ghall-hdax-il xahar**, flimkien it-telf probabbli ta' profitti ghas-snin sussegwenti u it-tnaqqis il-profitti fil-fatt iddikjarat.

Peress illi t-talba ghall-Avvjament (Goodwill) hija importanti, jekk, mhux il-kwistjoni l-aktar important, specjalment stante illi l-Perit Komputista gie rinfaccati bi *claim* ta' approssivament Lm 120,000 (€270,152.5 Euros) (Dok JZ 10) ghall-Avvjament wahdu, minbarra claims ohra, il-Perit Komputista ta spjegazzjoni tal-kuncett ta Avvjament u ghaliex dan normalment hu dovut.

Huwa ghalhekk relevanti u importanti li wiehed jispjega fid-dettal x'jipprezenta l-Avvjament, u meta dan jezisti, u wkoll kif dan normalment jigi ikkalkolat. Saru diversi tentattivi, specjalment fil-Qrati lnglizi. sabiex jigi definit “l-Avvjament”:

"l-Avvjament ta' negozju huwa il- vantagg li persuna jew negozju jakkwista billi ikompli negozjuli kien ilu gestit minn zmien qabel".

L-izjed definizzoni semplicistiku ta' Avvjament kien li dan m'hu xejn izjed mill-**'probbabilta' illi 'klijenti antiki' jibqghu jiffrekwentaw'l-istess post'.**

Avvjament f'termini ta' accounts, huwa deskritt bhala l-ammont imhallas eccessivament mill-xerrej sabiex jakkwista negoziu li hu 'a going concern'. Huwa probabbli hafna illi ir-regoli normali tas-suq japplikaw, jigifieri illi ix- xerrej jipprova jakkwista negozju kemm jista jkun bl-irhis, mentri il-venditur jipprova jakkwista l-ghola prezz possibbli.

Ghaldaqstant dan ifisser illi l-Avvjament huwa normalment imhallas meta ikun hemm akkwist jew beigh ta'negozju.

Per ezempju jekk wiehed jassumi il-'net asset value' (il-valur) ta' negozju 'A'huwa stmat £m 100,000, u in-negozju jinbiegh ghal £120,000, allura l-eccess ta' £20,000 huwa dak l-Avvjament.

Innoltre, l-avvjament huwa normalment imhallas ghal-lokazzjoni, izda fatturi ohra relevant jistghu jinkludu, akkwist ta' Trade Marks, l-isem tan-negozju stabilit, patents, royalties, impjegati bis-sengha jew b'esperjenza etc. Meta ma jkunx hemm ftehim, il-valur tal-avvjament huwa kalkolat tramite 'a rule of the thumb method', u jigi stmat skond l-uzanza u professjoni.

Per ezemju il-valur tal-avvjament ta' ufficju ta' Avukati jew Accountants jista ikun firm differenti minn dak ta' stabiliment tal-ikel jew industrija taz-zraben.

Il-kriterji ghall-kalkolu ta' stima ta' Avvjament jinkludi:

(a) Profitti average moltiplikat b'numru ta snin-normalment bejn sentejn sa erba snin.

(b) *Super* profitti moltiplikat bi numru ta snin miftiehem. Profitti *super* huma profitti in eccess ta *return standard* jew miftiehem fuq il-kapital uzat.

Per ezempju jekk standard return fuq il-profitti f industrrja tal-ikel huwa 10% u ir-return ta' negozju partikolari huwa 20 % i1-10% addizzjonali huwa deskritt bhala profit *super*.

(c) F'hafna ufficcji professjonali bhalma huma dawk ta' Avukati, tobba etc, hija l-uzanza li jigi stmat l- avvjament li jkun d-drittijiet annwi gross moltiplikat b'numru ta' snin miftiehem, li normalment ikun ta sentejn jew tlett snin.

(d) Valur attwalita' 'annuity' . Per ezempju profit average huma f,m20000 per annum fuq ruta miftehma ta' interessi bl-10%, ghal numru ta' snin miftehma ta' per ezempju hames snin huwa ekwivalenti ghal Lm75816. Dan ifisser illi jekk wiehed ihallas £m 75,816 issa wiehed jiehu fm 100,000 fi zmien hames snin (Lm20000 x 5).

F'dan il-kaz partikolari il-lokazzjoni u il- 'Brand Name' baqghu l-istess, u t-telf soffrut mill-avvjament u sorsi ohra huwa n-negozju mitluf minhabba telf ta' klijenti.

Ghaldaqstant, **<u>jekk</u> il-Qorti hija sodisfatta li kien hemm 'telf genwin ta' avvjament'** u b' rizultat li kien hemm telf konsegwenzjali ta' profitti minhabba ix-xogholijiet li kienu saru f'Ottubru 2003 u minhabba l-gheluq temporaneu, allura wiehed jista jargumenta illi ghalkemm ma' kienx hemm bejgh jew akkwist ta' negozju, certu porzjon tal-avvjament setgha kien mikul jew mnaqqas minhabba telf ta' klijentela.

It-tabella segwenti turi id-dhul u profitti kif provduti mill-attur John Zammit ghal ghaxar snin 1999 sal 2008.

Sena

1999 2000 2001 2002 2003 2004 2005 2006 2007 2008

LM LM LM LM LM LM LM LM LM LM

Profitti

11298 13358 13819 11257 4242 1813 5086 5891 5304 5837

Matul 2004 il-fond *restaurant* kienu maghluq u wiehed irid jistabilixxi jekk dan kienx maghluq b'izultat tax-xogholijiet maghmula mil-konvenut jew ghaliex ir-*restaurant* attwalment kellu bzonn ta rinovazzjoni, jew il-kombinazzjoni tat-tnejn.

Il-figuri fuq esposti juru illi ir-*restaurant* beda jitlef negozju (aktar minn 50 %) fuq bazi regolari mil- 2003 il-quddiem, i.e.id-data ta' meta bdew ix-xogholojiet ta'kostruzzjoni.

**Jekk wiehed jassumi illi t-telf ta' profit (downfall) kien rizultat ta'telf ta'klijentela, t-telf u l-avvjament (shortfall) jista jigi kalkolat kief gej:**

Sena

2003 2004 2005 2006 2007 2008

LM LM LM LM LM LM

Average Profit

12433 12433 12433 12433 12433 12433

Declared Profit

4242 1813 5086 5891 5304 5837

Shortfall

**8191 10620 7347 6542 7129 6596**

Wiehed wasal ghal 'Average Profit' konsiderando il-profitti tal-erba snin precedent ghax-xogholijiet ta' kostruzzjoni kif gej:

| **Sena** | **Profitti** |
|---|---|
| | Lm |
| 1999 | 11298 |
| 2000 | 13358 |
| 2001 | 13819 |
| 2002 | 11257 |

PROFITTI TOTALI: Lm 49,732

Divizb'4 snin - johrog l-Average Base Profit Lm 12,433 per annum.

Il-figuri fuq indikati juru illi jekk wiehed jassumi li ma kienx hemm xoghol ta' kostruzzjoni u **jekk wiehed jassumi illi in-numru ta' klijentela kien jibqa l-istess**, allura l-average profits ghas-snin 2003 sal 2008 kienu ikunu ta' Lm 74,598 (Lm 12433 x 6) minn liema Lm 28,173 profitti kienu attwalment dikkjarati relattiv John Zammit stess, bir-rizultat li fadal 'shortfall ta' Lm 46,425 mifruxa fuq perjodu ta' sitt snin.

Kemm wiehed ghandu japplika snin ta' telf bhala kompensazzjoni, jew ghal kemm wiehed huwa intitolat?

Gia la darba il-'maximum shortfall' gie ikkalkolat ghal **Lm 46,425**, (EURO 108,141) mqassma fuq perjodu ta' sitt snin, ghaldaqstant l-average telf johrog bir-rata ta' Lm7,737 per annum.

KONKLUZZJONI

Wiehed jonnota illi ma jirrizultaw ebda *audited accounts* professjonali, o meno, fl-atti processwali.

L-istimi kienu bazati fuq il-figuri tal-profitti kif indikati fl-*Income Tax Returns* provduti mil-attur, John Zammit, lil Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Issa, il-Perit Komputista jistaqsi. Ghall kemm wiehed ghandu japplika snin ta' telf bhala kompensazzjoni, jew ghal kemm wiehed huwa intitolat?

Hawn jerga japplika ir-regola ta' 'the rule of the thumb' fis-sens, kemm wiehed ghandu japplika snin ta' telf bhala kompensazzjoni, jew ghal kemm wiehed huwa intitolat?

Sena, tnejn, tlieta, jew aktar snin. zgur illi ma hux 'in aeternum', u ghaldaqstant gia la darba il-'maximum shortfall' gie ikkalkolat ghal **Lm 46,425** (EURO 108,141) mqassma fuq perjodu ta' sitt snin, ghaldaqstant il-medja ta’ telf hu ta' **Lm7,737** ghall kull sena.

In konkluzzjoni, allura, fl- assenza ta' dokumentazzjoni ulterjuri, u wara li iz-zewg partrjiet iddikjaraw illi ma hemx aktar provi jew evidenza koncertanti it-talba, stima gusta tat-telf totali soffert bazata fuq l-Income *Tax Return*s, inkluz l-avvjament, tlef ta' negozju, klijentela, etc, ghandu ikun bazat fuq average annwu ta **Lm 7,737** per annum, jew **EURO 18,022** ghall kull sena. (Enfasi ta din il-Qorti)

**Ikkonsidrat;**

Permezz tal-ewwel eccezzjoni taghhom, l-intimati jeccepixxu illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda ghaliex huma ma wettqux ix-xogholijiet b'mod abbuziv u b'inkonvenjent inutli.

L-intimati argumentaw l-ewwel nett illi x-xogholijiet imwettqa minnhom ma jistghu qatt jigu deskritti bhala abuzivi peress illi huma koperti mill-permess kollha necessarji tal-Awtoritajiet.

Il-Qorti pero ma tikkondividix dan l-argument. Il-fatt illi x-xogholijiet mwettqa jkunu koperti mill-permessi necessarji huwa l-minimu rikjest fir-rigward tal-obbligi ta' sid li jkun qed jaghmel xogholijiet fuq il-proprjeta tieghu, u ma jezimihx awtomatikament mir-responsabbilita ghal danni kagunati minnu. Dan specjalment fid-dawl tal-fatt illi l-permessi tal-MEPA jkopru it-tip ta' xoghol li jkun ser isir, izda ma jkoprux il-mod kif dan ix-xoghol ghandu jsir. Il-hrug tal-permessi necessarji jaghmilha possibili ghal sid ta' proprjeta li jezercita legalment id-dritt li jizviluppa l-proprjeta tieghu, pero dan id-dritt dejjem ghandu jigi ezercitat b'mod illi jigu salvagwardjati d-drittijiet ta' terzi.

Filfatt, fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Agius vs Emanuel Mifsud** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' April 2005 intqal illi:

> "**[f]*il-waqt li din il-Qorti taccetta li proprjetarju ta' fond jew art jista' jaghmel u jizvillupa l-proprjeta' tieghu kif irid, dan jista' jaghmlu dejjem sakemm ma johloqx hsara lill-terzi.*** *Fil-kawza "Bugeja vs Washington", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Mejju, 1897, gie enuncjat il-principju, li kien u ghadu kardinali fil-kuntest tad-drittijiet ta' proprjetarji, li "Il diritto del proprietario di usare liberamente del suo fondo e di farsi le modificazioni che crede convenienti cessa la ove si reca grave molestia al vicino". Intqal ukoll, a propositu, li, "**Hu pacifiku illi ma huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-dritt tieghu, izda dan l-uzu irid ikun fil-limiti gusti, kwindi anke konciljat ghad-drittijiet ohra ta' haddiehor, li altrimenti jistghu jigu vvjolati b'dak l-uzu u dan ikun illeggittimu**" – "Mifsud vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2004. Intqal ukoll fil-kawza "Captur vs Borg", deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1993, illi "**kull min, b'xoghol konness ma***

> ***kostruzzjoni, jaghmel hsara lill-vicin, jirrispondi ghad-danni****”.*

Illi pero, m'huwiex bizzejjed illi jigi provat biss l-inkonvenjent, ghaliex anke kif jidher mis-sentenza citata, jrid jigi provat li d-dritt ma giex uzat **fil-limiti gusti** u ma giex ikkonciljat mad-drittijiet ta' haddiehor. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Henry Gatt vs Charles Camilleri** deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar 2004:

> [“m]*eta jsir xi xoghol ta’ kostruzzjoni f’ post vicin u in konsegwenza l-fond adjacenti jsofri xi dannu l-fatt biss li sar dak ix-xoghol fil- post vicin mhux bizzejjed biex sid il-post jigi ritenut responsabbli ghad-dannu in konfront tas-sid tal-post l-iehor.* ***Din il-persuna tista’ tigi ritenuta responsabbli ghad-danni kwante volte din kellha xi htija. Dan ghaliex, kif desunt mill-Artikolu 1030 tal-Kodici Civili, “kull min jaghmel uzu ta’ jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b’ dak l-uzu”.*** *Ara a propozitu dwar din l-osservazzjoni d-decizjoni ta’ din il-Qorti fl-ismijiet “Dottor John Cesareo M. D. et –vs- Francesco Sciberras et”, 23 ta’ Jannar 1980.*”

Fil-fatt, l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> “**[k]*ull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri <u>bi htija taghha</u>*.**”

Izda imbaghad, il-mod ta' kif il-kuncett ta' htija jigi definit fl-artikolu sussegwenti juri bic-car illi dan il-kuncett m'huwiex wiehed astratt u generali fejn il-htija tigi radikata sempliciment fil-fatt illi l-intimat ikun ikkometta dak l-att illi r-rikorrent jallega li kkawzalu l-hsara. A kuntrarju jirrizulta minn l-Artikolu 1032 tal-Kodici Civili illi persuna titqies li hija fi htija biss jekk ir-rikorrent iressaq provi konvincenti li l-intimat ma jkunx uza l-prudenza u diligenza u l-hsieb ta' bonus pater familiar.

Mill-provi illi tressqu, il-Qorti ghalkemm jidher illi l-intimati kienu pjuttost kawti fl-ezercizzju tad-drittijiet taghhom, u li in generali, jidher illi hadu hsieb jirrikonciljaw id-drittijiet tal-intimat ma' taghhom, dan ma jidherx li sar fix-xogholijiet kollha illi

twettqu mis-socjeta intimata. Dan qed jinghad b'mod partikolari ghal incident fejn waqghat bicca konkos konsiderevoli li kwazi laqtghet impjegat tar-rikorrenti; ghal incident fejn waqa' cangun fuq is-saqaf tar-*restaurant* tar-rikorrenti b'danni ingenti konsiderevoli; u l-incident rigwardanti id-dranagg li zbroffa fil-proprjeta tar-rikorrenti. Dan kollu apparti jidher illi s-socjeta intimata hadet hsieb li x-xogholijiet isiru fi stagun kwiet, u mhux waqt l-istagun tas-sajf, biex inaqqsu t-telf ta' avvjament u profitt soffert mir-rikorrenti. Inoltre jirrizulta u mhux kontestat illi diversi danni strutturali sofferti mir-rikorrenti gew imsewwija mis-socjeta intimata a spejjez taghha immedjatament. Barra minn hekk, mix-xhieda tal-Perit Martin Farrugia jirrizulta illi l-intimati hadu certu prekwazzjonijiet biex jipprevjnu hsarat strutturali serji.

Anke f'sitwazzjonijiet fejn l-intimati urew xi nuqqasijiet, huma dejjem irrimedjaw ghal dan immedjatament kif ingibdet l-attenzjoni taghhom ghal dawn in-nuqqasijiet, u ghas-spejjez taghhom. Filfatt mill-provi jirrizulta illi ghalkemm huwa minnu li ghal ewwel l-intimati wahhlu l-iscaffolding baxxa wisq, kif ingibdet l-attenzjoni taghhom ghal dan, huma immedjatament ikkoregew dan in-nuqqas. Fir-rigward tal-problemi relatati mad-drenagg jirrizulta wkoll illi l-intimati ghamlu t-tiswijiet necessarji a spejjez taghhom.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti ma tistghax ma tosservax il-pretiza esagerata tar-rikorrenti li tindika li din il-kawza qed tigi uzata biex jipprovaw jirbhu somma mhux misthoqqa minghand l-intimati. Filfatt, fl-istima ta' danni originarjament ezebita minnhom a fol 53 turi illi **r-rikorrenti kienu originarjament qed jippretendu hlas minghand l-intimati ta' €263,632** (ekwivalenti ghal Lm113,362), f'liema dokument sahansitra stimaw it-telf ta' avvjament taghhom fis-somma ta' €116,279.06 (ekwivalenti ghal Lm50,000). **Din is-somma imbaghad tnizzlet ghal €135,455.61 fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom**. **Dawn l-ammonti dejjem jeskludi id-danni li l-intimati kienu diga ghamlu tajjeb ghalihom matul il-kors tax-xogholijiet.**

Minkejja l-ammonti ezergerati pretizi mir-rikorrenti, jirrizulta illi r-rikorrenti effittivament sofrew telf attwali ta' profitti ghall-hdax-il xahar (11). Sabiex jinhadem dan it-telf ta' profitti, wiehed irid jislet medda ta' erba' snin profitti precedenti ghas-

sena 2003 u titnaqqas minn din is-somma d-dhul attwali li effettivament ippercepew fis-sena 2003.

Dan iffisser:

Dhul ta erba' snin precedent ghal 2003:

Lm 11,298 +
Lm 13,358
Lm 13,819
Lm 11,257
Lm 49,732 ÷ 4 = **Lm 12,433 – Medja ta Dhul ghal sena**

Lm 12,433 - Medja ta Profitt
Lm 4,242 Dhul attwali tas-sena 2003
Lm **8,191** = Telf ta profitti ghas-sena 2003

Minn din is-somma jrid jitnaqqas 1/12 sabiex tirrifletti t-telf ghal hdax-il xahar:-

Lm 8181 ÷ 12 x 11 = Lm **7,508.4**

Ghalhekk it-telf ta' profitti ta' hdax-il xahar jammonta ghal Lm **7,508.4.**

Ghal regward tal-*goodwill,* din il-Qorti taghraf illi l-*goodwill* jippresupponi li l-istess generu ta' negozju jew xoghol ser jissokta jew issokta.

F'dan il-kas, jirrizulta pero illi l-generu tar-*restaurant* tar-rikorrent tbiddel kompletament u sar *Restaurant* Indjan bl-isem ta 'Indian Breeze'. Dan it-tibdil radikali fil-generu tax-xoghol tar-rikorrenti jhassar kull kuncett ta' *goodwill* u telf konsegwenti.

**Ikkonsidrat:**

Huwa mifhum illi mil-profitti dikjarati jkunu gia tnaqqsu l-ispejjez cioe' l-pagi, kera, kontijiet tad-dawl u ilma etc u l-ispejjez kollha tan-negozju; dawn certament ma jistghux jergghu jigu maghduda ma l-ispejjez generali, altrimenti jkun hemm *double computing.* Dan gie ben notat mil-Perit Komputista.

Il-Qorti taghraf in oltre illi **x-xoghlijiet mitluba mir-rikorrenti ghad-*design and interior refurbishment* tal-fond in kwistjoni kien gie mahsub gia sa mill-2002 meta il-progett tal-kostruzzjoni kien ghadu mhux mgharuf lir-rikorrenti.**

Illi ghalhekk, gja la darba dan ir-reurbishment kien diga' ntenzjonat li jsir mir-rikorrenti, independentament mill-progett ta' kostruzzjoni tas-socjeta intimata, mhuwiex il-kaz li l-Qorti tista', in konxjenza, tghabbi din l-ispiza fuq is-socjeta' intimata.

Il-Qorti, taghraf ukoll li la r-rikorrenti, wisq anqas is-socjeta intimata, ma ressqu provi dwar xi nuqqasijiet daparti ta' Polidano fuq l-iskeda ta' xoghlijiet imwettqa.

**Ikkonsidrat;**

L-intimati eccepew ukoll illi ghandha tigi kjamata in kawza is-socjeta Polidano Brothers Limited, li kienet is-socjeta mqabbda biex tagixxi bhala kuntrattur fir-rigward tax-xogholijiet in kwistjoni. Filfatt, din is-socjeta kienet giet kjamata in kawza permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat 13 ta' Marzu 2007.[1]

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm is-socjeta kjamata in kawza, giet debitament notifika hija baqghat kontumaci f'dawn il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip**

---

[1] Fol 78.

**Borg Bellanti u Joe Fenech** deciz fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe**., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza talQrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***
>
> > ***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.***
>
> ***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""***

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997

Ir-rikorrenti naqqsu milli jressqu provi konvincenti illi d-danni allegatament sofferti minnhom gew ikkawzati bi htija tas-socjeta kjamata in kawza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta' intimata in vista tad-decizjoni ta' din il-Qorti datata 13 ta' Marzu 2007, tilqa' in parte l-ewwel u t-tielet eccezzjoni u tilqa' in parte it-talbiet tar-rikorrenti, tillikwida id-danni minnhom subiti fl-ammont ta' LM7508.4 ekwivalenti ghal Ewro 17,494.57 (sbatax-il elf ewro, erba' mija u erba' u disghin ewro u seba' u hamsin ewro centezmu) u tikkundanna s-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata ta' Ewro 17,494.57 (sbatax-il elf ewro, erba' mija u erba' u disghin ewro u seba' u hamsin ewro centezmu) lir-rikorrenti.

Il-Qorti taghraf li fic-cirkostanzi pjuttost specjali tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**